# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 116/23/2 LM**

**Jeffrey Cassar**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

1. Fit-8 ta' Marzu 2023 l-attur fetaħ kawża li biha qiegħed jilmenta li bi ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-kawża <u>Il-Pulizija v. Jeffrey Cassar</u> meta ntużat bħala prova stqarrija li ta lill-pulizija mingħajr ma kien assistit minn avukat. Kawża li s'issa fiha tressqu l-provi tal-attur.

2. B'rikors ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2023 l-attur talab għas-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22

ta' Novembru 2022 li biha sabitu ħati ta' approprijazzjoni indebita u reċidiva, u kkundannatu tmintax-il xahar priġunerija.

3. B'digriet mogħti fis-26 ta' Lulju 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talba tal-attur wara li kkunsidrat li fil-kors tal-kawża kriminali l-attur seta' jilmenta u jitlob li l-istqarrija tiġi skartata jew sfilzata. Billi naqas milli jagħmel hekk, m'għamilx użu minn rimedju ordinarju li kellu skont il-liġi.

4. B'rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2023 l-attur talab lill-Ewwel Qorti sabiex tawtorizzah jappella skont l-Art. 231(1) tal-Kap. 12. L-attur argumenta li fis-26 ta' Lulju 2023 kien ippreżenta affidavit tal-persuna li r-rapport tagħha wassal biex ittieħdu proċeduri kriminali kontrih, u li fih ix-xhud *".... jiddikjara illi fil-fatt l-esponent mhux vera serqu pero' kien biss dejn ċivili"*. Għalhekk isostni li qiegħed fil-ħabs minħabba rapport falz.

5. B'digriet mogħti fit-2 ta' Awwissu 2023 l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba.

6. B'rikors ippreżentat fis-7 ta' Awwissu 2023 l-attur appella mid-digriet tas-26 ta' Lulju 2023. Fl-appell l-attur ilmenta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi bbażata fuq konsiderazzjoni li semmai setgħet kienet rilevanti għall-eżitu tal-kawża kriminali fil-meritu, iżda mhux rilevanti għall-finijiet tar-rikors għall-ħruġ ta' ordni proviżorja. L-attur għamel referenza

għall-affidavit ta' Roderick Azzopardi u jsostni li minnu jirriżulta li mhuwiex ħati ta' serq iżda jeżisti biss dejn ċivili. Għalhekk jinsisti li qiegħed fil-ħabs minħabba rapport falz.

7. Mill-atti jirriżulta li fit-8 ta' Awwissu 2023 il-konvenuti ppreżentaw rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn talbuha sabiex tħassar id-digriet tat-2 ta' Awwissu 2023 u tordna l-isfilz tal-affidavit ta' Raphael Azzopardi.

8. Fl-14 ta' Awwissu 2023 wieġbu l-konvenuti għar-rikors tal-appell, u *inter alia* qalu:

i. it-talba għall-permess tal-appell saret a tenur tal-Art. 231 tal-Kap. 12 meta għall-każ japplika l-Art. 229 tal-Kap. 12.
ii. affidavit ta' Raymond Azzopardi kien ippreżentat wara li l-attur kien għalaq il-provi tiegħu u mingħajr il-permess tal-Ewwel Qorti.

9. B'digriet mogħti fit-18 ta' Awwissu 2023 l-Ewwel Qorti ordnat ir-revoka tad-digriet mogħti fit-2 ta' Awwissu 2023 u ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Raphael Azzopardi. Dakinhar stess l-atti tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ddaħħlu fl-atti tal-appell.

10. B'rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2023 il-konvenuti talbu sabiex din il-Qorti ma tqisx iktar ir-rikors tal-appell tal-attur in vista tad-digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Awwissu 2023.

**Konsiderazzjoni**

11. Fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti ma kellhiex tħassar id-digriet li bih awtorizzat lill-attur biex jappella, meta jirriżulta li lanqas ma tatu l-opportunità jagħti l-kummenti tiegħu u fid-data li tat id-digriet kien diġà sar l-appell. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tikkunsidra l-appell tal-attur fil-meritu ġialadarba fit-2 ta' Awwissu 2023 kien awtorizzat jappella. Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-konvenuti, il-fatt li fit-talba tal-attur saret referenza għall-Art. 231 tal-Kap. 12 u mhux l-Art. 229 tal-istess liġi, ma kellhiex tippreġudika lill-attur. Wara kollox it-talba tal-attur kienet sabiex l-Ewwel Qorti tawtorizzah jappella mid-digriet tas-26 ta' Lulju, 2023. Fiċ-ċirkostanzi qiegħda wkoll tiċħad it-talba tal-konvenuti magħmula bir-rikors tat-22 ta' Awwissu 2023.

12. Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni Paul Demicoli v. Avukat Ġenerali et tat-8 ta' Awwissu 2023 fejn qalet:

> *"9. Id-deċiżjoni appellata ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala miżura proviżorja sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Miżura li għandha tingħata biss eċċezzjonalment. Bħala regola sentenzi ta' qrati oħra li jkunu ġudikat m'għandhomx jinġiebu fix-xejn proviżorjament, sempliċement*

*għaliex persuna tiftaħ kawża u tilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*

*10. Hu fatt li jekk it-talba tal-attur għall-miżura proviżorja tiġi miċħuda, ser jibqa' arrestat sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Però dak il- fatt waħdu mhijiex ġustifikazzjoni suffiċjenti biex qorti oħra minħabba li l- priġunier fetaħ kawża kostituzzjonali, tordna proviżorjament is-sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li hi ġudikat".*

13. B'referenza għall-ilment tal-attur kif spjegat fir-rikors promotur li bih fetaħ il-kawża kostituzzjonali, din il-Qorti ma ssibx li hemm raġuni li tista' tiġġustifika li tintlaqa' t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat fit-22 ta' Novembru 2022. Il-fatt waħdu li f'dik is-sentenza tissemma l-istqarrija li l-attur ta lill-pulizija fil-21 ta' Novembru 2015 ma jfissirx li *prima facie* hemm ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u li wara kollox hi l-meritu tal-kawża kostituzzjonali.

14. Għalkemm fir-rikors tal-appell ir-rikorrent għamel ħafna enfażi fuq l-affidavit ta' Raphael Azzopardi, jirriżulta li dik il-prova saret wara li l-attur kien diġà għalaq il-provi u mingħajr ma ntalab il-permess tal-Ewwel Qorti biex iressaq provi ġodda. Dak mhuwiex il-mod kif skont il-liġi tal-proċedura għandha titressaq prova ġdida. Inoltre, ma jirriżultax li l-konvenuti kellhom l-opportunita' li jagħmlu kontroeżami lil Raphael Azzopardi. Evidenti li l-attur qiegħed jippretendi li f'dan l-istadju l-Qorti tikkunsidra biss dak li intqal fl-affidavit meta m'hemmx mod kif wieħed jikkontrolla dak li xehed Azzopardi bl-affidavit iktar u iktar meta tikkunsidra

dak li xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (seduta tal-14 ta' Novembru 2016). Dan apparti li fil-5 ta' Lulju 2023 l-Ewwel Qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet u r-rikors għall-ordni proviżorja tħalla għal digriet għas-seduta tas-26 ta' Lulju 2023. L-attur jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tqis dik il-prova ġdida li tressqet biss fid-data li ngħata d-digriet li minnu sar l-appell, u fi stadju meta kull ma kien fadal kien li jingħata d-digriet finali. L-attur m'għamel l-ebda talba sabiex l-Ewwel Qorti tissospendi l-għoti tad-digriet u sabiex tawtorizzah jippreżenta l-affidavit. Hawn ukoll l-attur naqas proċeduralment, u għalhekk *imputet sibi*.

15. Għaldaqstant it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Novembru 2022 m'hijiex ġustifikata.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr